# L-Arċipriet Ġwann Andrea Vella

## mitt sena mill-mewt tiegħu

*kitba ta' Mons. Lawrenz Sciberras*


D. Gio-Andrea Vella
CAPPILLAN
U LEUUEL ARCIPRIET TA SANNAT
UARA LI QUASI GHAL 53 SENA
MEXXA BI HRARA
B-IMHABBA U BI PRUDENZA
IL PARROCCIA
U HABREC B-ZELU U B-GHERF
GHAL GID, TAL CNISIA U TAR-RAHAL
TA TUAJJEB MISSIER
MIBCHI MIL FKAR
IMHASSAR MIN CULL MIN JAFU
HALLA DAN IL UIED TAD-DMUH
FIL 21 TA FRAR TA L-1916
R. I. P.
Gesù! Maria! Giuseppi! (Ind 7 snin u 7 q.)
Gesù hanin ghatih il mistrieh ta dej-
jem (Ind. 7 snin, u 7 quar.)

Dis-sena jaħbat il-100 sena mill-mewt tal-Kappillan u l-ewwel Arċipriet Dun Ġwann Andrea Vella li kien min-Nadur. Dan l-Arċipriet verament ħabrieki u kuraġġjuż ħa l-pussess bħala Kappillan ta' Sannat nhar il-Ħadd 3 ta' Mejju 1863. Huwa miet hawn f'Ta' Sannat fid-dar tal-Arċipriet fl-età ta 82 sena nhar l-Erbgħa 16 ta' Frar 1916, mela mitt sena ilu. Huwa kważi dam 53 sena ragħaj tal-parroċċa tagħna.

Fil-kappellun tal-Kurċifiss li jiġi n-naħa ta' Ċenċ, hemm il-qabar ta' dan l-Arċipriet. L-uniku wieħed li għad baqa' fil-knisja. Fuq il-lapida hemm l-arma tiegħu, dik ta' Vella, kif ukoll skrizzjoni dettaljata bil-Latin tal-ħidma tiegħu matul il-parrokkat tiegħu hawn fostna.

**Opri kbar:**
**L-istatwa ta' Santa Margerita**
Dan l-Arċipriet tagħna kellu don rari ħafna. Biss biex jilħaq dan il-għan kellu jaħdem, ibati, iseffaq wiċċu mal-parruċċani u letteralment ibattal butu kollu għall-parroċċa li mexxa u li tant kien iħobb. (Din tal-but imtaqqab nikteb dwarha l-aħħar ħaġa).

Ħalli nibda mill-ewwel opra tiegħu. Din l-opra jiġifieri l-istatwa tal-patruna tagħna, kollha kemm aħna s-Sannatin nissaħħru warajha. U bir-raġun. Hija tassew l-għaxqa tagħna, il-ġawhra tagħna, l-mimmi ta' għajnejna. Hawn qed nirreferi għall-istatwa ta' Santa Margerita V.M. Min ma jammirax is-sbuħija eċċezzjonali ta' wiċċha u l-kisra ta' għajnejha tħares lejn is-salib bil-ħamiema fuqu!!

U għaliex qatt saret din l-istatwa ġdida meta qabilha diġà kien hawn statwa oħra? L-Isqof ta' dak iż-żmien kien l-Agostinjan Ġwann Marija Camilleri. Fl-1890 huwa għamel l-ewwel vista pastorali fid-djoċesi tiegħu ta' Għawdex. Għalhekk l-Isqof ħass il-bżonn li jinbidlu xi oġġetti mill-knisja tagħna. Fosthom kien hemm l-istatwa ta' Santa Margerita li kienet ta' Karlu Darmanin. Ir-raġuni għaliex din l-istatwa ta' Santa Margerita ġiet ikkundannata hija li kellha fuqha l-libsa skullata ħafna u xejn ma kienet ta' dekor għall-knisja.

Għalhekk ittieħdet deċiżjoni biex l-istatwa ġdida ssir Marsilja għand Galard et Fils Statuaire. Dan kollu seta' jsir grazzi għat-tħabrik tal-Arċipriet Vella. L-istatwa waslet fostna f'Lulju tas-sena 1891.

**L-orgni tal-knisja**
It-tieni opra tal-Arċipriet Ġwann Andrea Vella hija l-orgni li hemm fil-knisja, opra li għadna ngawduha anzi nitpaxxew bil-ħoss meludjuż li joħroġ minnu. Dan wasal fostna fix-xahar ta' Lulju tas-sena 1903, mela 113-il sena ilu. Dan l-istrument tant meħtieġ għal waqt il-funzjonijiet tal-liturġija kien u għadu wieħed mill-isbaħ orgnijiet ta' Għawdex.


Per memoria eterna.
+ Si scriva nel Libro Esito = al foglio ... dell' Esito estraordinario che sono stati spesi dalla propria tasca del Molto Rev.do Sac: Parroco 1° Arciprete Gio: Andrea Vella nella costruzione della Cupola della Chiesa incominciata in Maggio 1910 e terminata nell' arte muratoria il dì 15 Ottobre dello stesso anno 1910 dal Muratore Maestro Publio Farrugia figlio di Giuseppe da Casale Xeuchia detto Ta Ciattu, e diretta dal Bravo Architetto Sig.r Pietro Ugo Mallia figlio del Avvocato Emanuele la somma di lire italiane 250.5.11 eccetto però l'ammonto delle 16 finestre ossiano gharbie fatte tutte a spese di alcuni Benefattori, che ammontano anche a circa £ 110 — e eccetto pure di altre piccole spese pagate dalla Chiesa, ed il lavoro nella scoltura esterna e l'intonicamento esterno

L-orgni tagħna sar għand id-ditta Gaetano Cavalli ta' Lodi ftit 'l bogħod minn Milan. Il-bniedem tekniku bejn l-Arċipriet Vella u l-fabrikant ta' Lodi kien Monsinjur Ġużeppi Farrugia tal-Vers. L-ispiża tal-orgni minbarra t-trasport minn Lodi sa ta' Sannat u l-ispejjeż tal-injam inkluż dak tal-manfaħ kienet ta' 208 liri.

Biex wieħed ikun jista' japprezza din l-opra li tagħmel tassew unur lill-Arċipriet Vella sewwa li nagħtu deskrizzjoni qasira ta' din l-opra tagħna. L-orgni huwa kompost minn żewġ taqsimiet u li kull waħda minnhom fiha għaxar reġistri. Issa meta jien ngħid reġistru dan ifisser li magħqudin miegħu jkun hemm numru ta' kanen żgħar u kbar, tal-metall jew tal-injam, li meta tiftaħ xi reġistru minnhom jipproduċu ħsejjes differenti minn xulxin.

Ir-reġistri tal-ewwel taqsima huma il-principale, baxxi tal-injam uħud minnhom twal 16-il pied. Hemm ukoll ir-ripieno, ottava, decima quinta, decima IX, vigesima II, vigesima VI, trigesima IX, u trigesima VI, tromba soprano u tromba bassi.

It-tieni taqsima jisimha fondo e concerto. Din it-taqsima wkoll bħall-oħra fiha 10 registri. Dawn huma; tromba, gamba, concerto violini, bordone, voce umana, flauto, aeolina, dublette, canto bassi di 16 piedi, bassi armonici. Hawn ukoll insibu 598 kanna oħra. Il-kitba fuq dawn ir-reġistri hija fuq il-porċellana. Immela l-orgni li sar fi żmien il-parrokkat ta' Vella fih 1196 kanna.

Ħalli nsemmi dettall ieħor li juri kemm saret serjetà fil-bini tal-orgni tagħna. Il-kanen li minnhom joħroġ il-ħoss kollu qegħdin ġew. Quddiemhom hemm dik li tissejjaħ *espressioni* jew kwinti. Dawn jinfetħu u jingħalqu bir-riġel. Għalhekk l-effett tal-kwinti huwa doppju. Permezz tagħhom l-organista jista' jagħmel l-orgni jdoqq aktar piano jew forte. It-tieni funzjoni hi li dawk il-kwinti jippreservaw il-kanen tal-orgni ta' ġewwa mit-trabijiet inkella dawn jistonaw faċilment.



Biex l-orgni jkun komplut hija meħtieġa l-pedaljiera, jiġifieri numru ta' noti li l-organista jagħfashom b'riġlejh. L-orgni tagħna fih 18-il nota bis-sieq. Isfel ukoll u sabiex dawn jiġu mħaddma bis-saqajn l-orgni fih sitt reġistri oħra. Dawn huma: tremolo, accompagniamento della

tastiera, piano, mezzo forte, forte, fortissimo jew tutti u pedaljera oħra biex tiftaħ jew tagħlaq il-kwinti li diġà tkellimna dwarhom.

L-iskop tal-Arċipriet Vella kien li l-orgni jiżżanżan fil-festa ta' dik is-sena. Iżda ġara li sitt ijiem biss qabel miet il-Papa Ljun XIII, dak il-Papa li għolla l-parroċċa tagħna għal waħda Arċipretali. Għalhekk l-orgni żżanżan billi saret quddiesa funebri għar-ruħ l-imsemmi Papa nhar it-22 ta' Lulju 1903.


*Il-koppla li ħallas għaliha minn butu l-Arċip Vella.*

**Il-koppla**

L-Arċipriet Vella, matul is-snin tiegħu fostna kien kabbar il-korsija, bena ż-żewġ navi u tella' l-faċċata biż-żewġ kampnari. Kien għad fadallu ħsieb iberren f'moħħu, dak li jtella' koppla biex tiddomina fuq raħalna, kif fil-fatt hekk għadha tagħmel. Il-Perit inkarigat minn dan ix-xogħol kien Ugo Mallia filwaqt li l-bennej kien Pupull Farrugia. Kien hemm il-ħtieġa li jsir xi tibdil biex tissaħħaħ is-sodda u l-ħnejjiet mibnija minn blokki ta' ġebel kbir li minn fuqhom kellha tinbena l-koppla. Għall-ewwel darba ntuża l-konkrit, xi ħaġa ġdida għalkollox f'Għawdex.

Iżda dak li jgħaġġeb u jibqa' jgħaġġeb lil kulħadd huwa l-fatt kif il-koppla hekk kbira preċiża fl-istruttura tagħha u sabiħa fl-iskultura nbniet f'sitt xhur eżatti, minn Mejju sa Ottubru, fejn ingħalqet għal kollox nhar is-Sibt 15 ta' Ottubru 1903. U dakinhar ma kienx hawn ebda forma ta' għodod moderni jaħdmu bil-qawwa tal-magni. Kien hawn biss rieda żonqrija daqs il-blat ta' Ċenċ li jdawwar il-raħalna, imma fuq kollox kien hemm ukoll l-imħabba tal-Arċipriet Ġwann Andrea Vella li ried jgħolli u jsebbaħ sal-aħħar it-tempju ta' Santa Margerita. U din l-imħabba l-Arċipriet urieha bil-fatti. Dan għaliex huwa ħallas minn butu l-ispejjeż kollha tal-bini tal-ġebel, liema somma telgħet għal 250 lira 5 xelini u 10 soldi. L-unika eċċezzjoni kienu s-sittax-il tieqa tmienja isfel u tmienja fuq, liema twieqi ħallsuhom in-nies.

U hawn tidher l-imħabba ta' dan il-benefattur kbir bil-bosta. Huwa ma kien fadallu xejn fil-but tiegħu anqas biex iħalli xi ħaġa tal-flus biex meta jmut isiru quddies b'sufraġju għal ruħu. U bħala rikonoxximent tanġibbli għal dan ix-xogħol kollu l-knisja ta' Sannat ta' kull sena aktarx matul ix-xahar ta' Frar għadha tagħmillu quddiesa kantata. Għal min ma jafx l-Arċipriet Vella huwa midfun fil-kappellun tal-Kurċifiss taħt l-irħama miktuba bil-Latin li ġġib ismu.

Ma' dawn it-tliet opri kbar ta' min ikompli jsemmi t-tużell, biċċa xogħol fuq l-injam, fejn imbagħad il-bellus irrakkmat sar Franza, f'Lyon. L-injam inħadam ir-Rabat Malta. Miegħu hemm il-kanupew li huwa wkoll irrakkmat. Sar ukoll ix-xogħol kollu tad-damask fejn il-knisja ġiet miksija kollha. Jiena niftakar sew lin-nanna Ċetta tgħid li nhar ta' Ħadd kienu jaħdmu sagħtejn xogħol tal-bizzilla u jagħtu xi ħaġa tal-flus preċiżament għad-damask. Barra dan saru wkoll il-kappa tan-nofs irrakkmata wkoll fi Franza, u magħha is-sitt kappi tal-bellus imma lixxi. Saret ukoll il-pjaneta tal-bellus irrakkmata, fejn aħna insejħulha "ix-xiħa".

Hija tassew ħasra li ma għandna xejn xi jfakkarna f'dan l-Arċipriet żelanti u benefattur illustri tal-parroċċa tagħna. Mank biss ma semmejna triq għalih, fejn imbagħad insibu ismijiet ta' toroq strambi u bla sens. Arċipriet Vella altru li jixraqlek, imma aħna persważi li Santa Margerita li inti kont tant tħobb bil-fatti u mhux bil-kliem ħaditek biex tgawdi magħha lil Alla għal dejjem.